TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 135/17-F

**Clifford u Charlene Mangion**

**vs**

**Vincent Agius – Agius Photo Studio**

Illum 26 ta' Jannar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 t'Awwissu, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tmien mitt ewro (€800), rappreżentanti prezz ta' ritratti u video tat-tieġ, u li għadda ħafna żmien, u r-ritratti u l-video qatt ma ħaduhom.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ngaġġaw is-servizz tal-intimat sabiex jieħu r-ritratti u l-video tat-tieġ u dawn ħallsu tmien mitt ewro (€800) depożitu, u minkejja li għadda ħafna żmien, l-intimat ma kkonsenjax la r-ritratti u lanqas il-video.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u kif ukoll ma ssottomettiex risposta bil-miktub.

It-Tribunal, jinnota illi dan in-nuqqas tal-intimat hija xi ħaġa serja meta avveniment daqshekk importanti f'ħajtek tonqos milli tikkonsenja r-ritratti ossia l-video.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jordna lill-intimat sabiex fi żmien ġimgħatejn mil-lum jikkonsenja dak kollu li għandu f'idejh rigwardanti ritratti u video, lir-rikorrenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jordna lill-ntimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mitt ewro (€800) bħala danni, u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888